



# PATT EWROPEW GĦAS-SAFFA MENTALI U KWALITÀ TA' ĦAJJA AĦJAR

KONFERENZA TA' LIVELL GĦOLI TAL-UE  
FLIMKIEN GĦAS-SAFFA MENTALI U KWALITÀ TA' ĦAJJA AĦJAR

Brussell, 12-13 ta' ġunju 2008



Slovensko predsedstvo EU 2008  
Slovenian Presidency of the EU 2008  
La Présidence slovène de l'UE 2008



# PATT EWROPEW GĦAS-SAĦĦA MENTALI U KWALITÀ TA' ĦAJJA AĦJAR

AĦna, il-parteċipanti fil-konferenza ta' livell għoli tal-UE "Flimkien għas-SaĦĦa Mentali u Kwalità ta' Ħajja AĦjar", Brussell, 13 ta' Ġunju 2008, nirrikonoxxu l-importanza u r-rilevanza tas-saĦĦa mentali u l-kwalità ta' ħajja aĦjar għall-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha, il-partijiet interessati ewlenin u ċ-ċittadini.

## I - AĦNA NIRRIKONOXXU LI

- Is-saĦĦa mentali hi dritt tal-umanità. Din tippermetti li ċ-ċittadini jgawdu livell ta' kwalità ta' ħajja u s-saĦĦa aĦjar. Din tippromwovi tagħlim, xogħol u parteċipazzjoni fis-soċjetà.
- Ill-livell ta' saĦĦa mentali u kwalità ta' ħajja tal-poplu hi r-riżors ewleni għas-suċċess tal-UE bħala soċjetà bbażata fuq l-għerf u l-ekonomija. Dawn huma wkoll fattur importanti biex jinkisbu l-oġġettivi tal-istrateġija ta' Lisbona dwar it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien ta' impjegi, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli.
- Ill-problemi tas-saĦĦa mentali qed jiżdiedu fl-UE. Illum, kważi 50 miljun ċittadin (madwar 11% tal-popolazzjoni) huma stmati li jsofru minn problemi ta' saĦĦa mentali; fejn is-sintomi tal-mard jistgħu jkunu differenti bejn is-sessi. Id-depressjoni mentali hi diġà l-aktar problema prevalenti tas-saĦĦa f'ħafna Stati Membri tal-UE.
- Il-suwiċidju jibqa' wieħed mill-kawżi prinċipali tal-imwiet. Fl-UE, isiru madwar 58,000 suwiċidji fis-sena li tliet kwarti minnhom jitwettqu mill-irġiel. Fost il 15-il pajjiż bl-ogħla rata ta' suwiċidju fl-irġiel, tmienja huma Stati Membri tal-UE.
- Ill-problemi ta' saĦĦa mentali u s-suwiċidju jikkawżaw sofferenza immensa għall-individwi, il-familji u l-komunitajiet, filwaqt li l-problemi ta' saĦĦa mentali huma kawża prinċipali ta' diżabilità. Huma joħolqu pressjoni fuq is-setturi tas-saĦĦa, tal-edukazzjoni, l-ekonomija, is-suq tax-xogħol u s-sistema tal-għajjnuna soċjali fl-UE.
- IBiex ngħinu l-Stati Membri jittrattaw dawn l-isfidi jinħtieġ li jkun hemm azzjoni kumulmentari u sforz kollettiv fuq livell tal-UE, billi nippromwovu s-saĦĦa mentali u l-kwalità ta' ħajja aĦjar fil-popolazzjoni, insaħħu l-azzjonijiet preventivi u l-mezzi biex wieħed jkun jista' jgħin ruħu aĦjar, niprovdvu appoġġ lill-persuni li jsofru minn xi problema ta' saĦĦa mentali u lill-familji tagħhom b'żieda mas-servizzi li l-Istati Membri jagħtu permezz tas-setturi tas-saĦĦa u s-servizzi soċjali u l-kura medika.

## II - AĦNA NAQBLU LI

- Hemm ħtieġa għal impenn effettiv u deċiżjoni politika biex nagħmlu s-saĦĦa mentali u l-kwalità tal-ħajja fost il-prijoritajiet ewlenin.
- L-azzjoni għal saĦĦa mentali u l-kwalità ta' ħajja aĦjar fuq livell tal-UE jeħtieġ li tkun żviluppata bl-involvement ta' dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati ewlenin - fosthom is-setturi tas-saĦĦa, tal-edukazzjoni, tas-servizzi soċjali u tal-ġustizzja, flimkien mal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
- Persuni li jgħaddu minn xi problema ta' saĦĦa mentali għandhom esperjenzi validi x'jaqsmu u jeħtieġ li jkollhom rwol attiv fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda.
- Is-saĦĦa mentali u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u l-gruppi soċjali - inklużi gruppi ta' kull età, sessi differenti, gruppi ta' oriġini etniċi u soċjo-ekonomiċi - jeħtieġ li jingħataw promozzjoni bbażata fuq interventi adegwati u sensitivi li jjeħdu inkonsiderazzjoni d-diversità tal-popolazzjoni Ewropea.
- Hemm ħtieġa li jitjeb l-għerf dwar is-saĦĦa mentali: billi tinġabar statistika dwar l-istat tas-saĦĦa mentali tal-popolazzjoni u billi tiġi kkummissjonata riċerka fl-epidemioloġija, fl-etjoloġija, il-fatturi determinanti u l-implikazzjonijiet tas-saĦĦa mentali u n-nuqqas ta' saĦĦa, kif ukoll il-possibilitajiet għall-interventi u l-aqwa Prattika fis-setturi tas-saĦĦa, u servizzi soċjali, u setturi oħra.

## III - AĦNA NESIĠU AZZJONI FUQ ĦAMES OQSMA TA' PRIJORITÀ

### I - PREVENZJONI MID-DEPRESSJONI U MIS-SUWIĊIDJU

Id-Depressjoni hi waħda mill-problemi l-aktar komuni u serja fis-saĦĦa u hi fattur ta' riskju prinċipali ta' suwiċidju. Kull 9 minuti ċittadin tal-UE jikkommetti att ta' suwiċidju. Barra minn hekk, in-numru ta' attentati ta' suwiċidji hu stmat li hu għaxar darbiet ogħla mill-imwiet suwiċidjali. Ir-rati ta' suwiċidji rrapportati fl-Istati Membri jvarjaw bejniethom b'fattur ta' 12.

Dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati ewlenin huma mistiedna li jjeħdu azzjonijiet għall-prevenzjoni mis-suwiċidji u d-depressjoni li jinkludu fost oħrajn:

- Titjib fit-taħriġ dwar is-saĦĦa mentali għall-professjonisti fl-oqsma tas-saĦĦa u s-servizzi soċjali.
- Restrizzjoni għall-aċċess ta' mezzi li jistgħu jwasslu għal suwiċidju;

- Teħid ta' miżuri biex titqajjem kuxjenza dwar is-saħħa mentali fil-pubbliku ġenerali, fost professjonisti tas-saħħa u setturi oħra ewlenin;
- Teħid ta' miżuri biex jitnaqqsu fatturi ta' riskju għas-suwiċidju bħal xorb esaġerat, abbuż mid-droga, l-esklużjoni soċjali, id-depressjoni u l-istress;
- Provediment ta' servizzi t'apport għall-persuni wara attentat ta' suwiċidju u għal dawk li tilfu persuni minħabba suwiċidju, bħal servizz bit-telefon ta' support emozzjonali.

## II - SAĦĦA MENTALI FIŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-EDUKAZZJONI

Il-bażi ta' saħħa mentali tul il-ħajja hi influwenzata mill-esperjenzi fis-snin bikrija. Sa 50% tad-problemi tas-saħħa mentali għandhom il-bidu tagħhom matul l-adolexxenza. Bejn 10% u 20% taż-żgħażaġħ ibatu minn problemi ta' saħħa mentali, b'rati oġħla fost il-gruppi żvantaġġati tal-popolazzjoni.

Dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati ewlenin huma mistiedna li jieħdu azzjonijiet dwar is-saħħa mentali fiż-żgħażaġħ u l-edukazzjoni li jinkludu fost oħrajn:

- Tnedija ta' skemi ta' intervent kmieni fis-sistema edukattiva
- Provediment ta' programmi biex itejbu l-ħiliet tal-ġenituri fit-trobbija tal-ulied;
- Promozzjoni ta' taħriġ għall-professjonisti fis-setturi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u taż-żgħażaġħ, kif ukoll għall-setturi oħra relatati mas-saħħa mentali u l-kwalità tal-ħajja;
- Promozzjoni fl-iskejjel ta' kull età għall-integrazzjoni fil-kurrikulum u fl-attivitatiet extra-kurrikulari għat-tagħlim soċjo-emozzjonali;
- Programmi biex jitnaqqas l-abbuż, il-'bullying' u l-vjolenza kontra ż-żgħażaġħ kif ukoll l-esklużjoni soċjali tagħhom;
- Promozzjoni għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ fl-edukazzjoni, il-kultura, l-isport u l-impjeggi.

## III - SAĦĦA MENTALI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOLL

Ix-xogħol huwa ta' benefiċċju għas-saħħa fiżika u mentali. Is-saħħa mentali u l-kwalità tal-ħajja tal-impjegati huma r-riżors prinċipali għall-produttività u l-innovazzjoni fl-UE. Il-bdil fir-ritmu u n-natura tax-xogħol, qed iwasslu għall-pressjonijiet negattivi fuq is-saħħa mentali u l-kwalità tal-ħajja. Hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex titrażżan iż-żieda fl-assenteiżmu mix-xogħol u inkapaċità minħabba problemi ta' saħħa mentali, u biex nagħmlu użu mill-potenzjal kollu biex intejbu l-produttività li hi influwenzata mill-istress u mill-problemi tas-saħħa mentali. Il-post tax-xogħol għandu rwol importanti għall-inklużjoni soċjali tal-persuni bi problemi ta' saħħa mentali.

Min ifassal il-politika, l-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati ewlenin huma mistiedna li jieħdu azzjonijiet dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol li jinkludu fost oħrajn:

- Titjib fl-organizzazzjoni u l-kultura tax-xogħol u fil-prattika tat-tmexxija biex titjeb is-saħħa mentali fuq il post tax-xogħol kif ukoll jintlaħaq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari;
- Implimentazzjoni ta' programmi, inklużi dawk ta' evalwazzjoni għar-riskju, dwar is-saħħa mentali u l-kwalità tal-ħajja, kif ukoll programmi ta' prevenzjoni li jiffokaw fuq sitwazzjonijiet li jistgħu jikkawunaw effetti negattivi fuq is-saħħa mentali tal-ħaddiema (stress, imġieba abbużiva bħal vjolenza jew fastidju fuq il-post tax-xogħol, alkoħol, drogi) u skemi ta' intervent kmieni fuq il-postijiet tax-xogħol;
- Tnedija ta' miżuri li jippermettu r-reklutaġġ, iż-żamma jew ir-riabilitazzjoni u r-ritorn għax-xogħol ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali.

## IV - IS-SAĦĦA MENTALI TAL-ANZJANI

Il-popolazzjoni tal-UE qed tixjiħ. Ix-xjuħija tista' ġġib magħha ukoll ċertu riskji għas-saħħa mentali u l-kwalità tal-ħajja, bħat-telf tal-apport soċjali mill-familji u l-ħbieb, u żieda fil-mard fiżiku jew newrodeġenerattiv, bħall-marda tal-Alzheimer u forum oħra ta' dimenzja. Ir-rati ta' suwiċidju huma oġħla f'persuni anzjani. Il-promozzjoni għas-saħħa u xjuħija attiva hi waħda mill-oġġettivi ewlenin tal-politika tal-UE.

Min ifassal il-politika u l-partijiet interessati ewlenin huma mistiedna li jieħdu azzjonijiet dwar is-saħħa mentali tal-persuni anzjani li jinkludu fost oħrajn:

- Promozzjoni ta' parteċipazzjoni attiva tal-persuni anzjani fil-ħajja tal-komunità, inkluż il-promozzjoni tal-attività fiżika u opportunitajiet edukattivi għalihom;
- Żvilupp ta' skemi ta' irtirar flessibbli li jħallu persuni anzjani jibqgħu jaħdmu aktar fit-tul fuq bażi 'full-time' jew 'part-time';
- Tnedija ta' miżuri li jipromwovu s-saħħa mentali u l-kwalità tal-ħajja għall-persuni anzjani li jirċievu kura (medika u/jew soċjali) kemm fil-komunità kif ukoll fl-ambjenti istituzzjonali;
- Teħid ta' miżuri li jappoġġjaw lil min jieħu ħsieb il-persuni anzjani.

## V - ĠLIEDA KONTRA L-ISTIGMA U L-ESKLUŻJONI SOċJALI

L-istigma u l-esklużjoni soċjali huma riskji kif ukoll konsegwenzi ta' problemi ta' saħħa mentali li jistgħu joħolqu barrieri kbar biex tiġi mitluba l-għajjnuna u jkollhom il-fejqa f'każ ta' mard.

Min ifassal il-politika u l-partijiet interessati ewlenin huma mistiedna li jieħdu azzjonijiet biex jiġġieldu l-istigma u l-esklużjoni soċjali li jinkludu fost oħrajn:

- Appoġġ għall-kampanji u attivitatiet kontra l-istigma bħal fil-midja, fl-iskejjel u fil-postijiet tax-xogħol biex jipromwovu l-integrazzjoni tal-persuni bi problemi ta' saħħa mentali;

- Żvilupp ta' servizzi ta' saħħa mentali li huma integrati sew fis-soċjetà, imfassla fuq il-ħtiġijiet tal-individwu u li jevitataw l-istigma u l-esklużjoni ;
- Promozzjoni għall-inklużjoni attiva ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali, inkluż titjib għall-aċċess tagħhom għal impjeg, taħriġ u opportunitajiet edukattivi xierqa;
- Involvement ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali u l-familjari tagħhom u min jieħu ħsiebhom fil-politika u proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet ewlenin f'dan il-qasam.

## IV - AĦNA NNIEDU L-PATT EWROPEW GĦAS-SAĦĦA MENTALI U L-KWALITÀ TA' HAĴJA AĦJAR

Il-Patt jirrikonoxxi li r-responsabilità primarja għal azzjoni f'dan il-qasam hi ta' l-Istati Membri. Madankollu, il-Patt jibni fuq il-potenzjal tal-UE li tinforma, tippromwovi l-aħjar prattika, tinkoraġġixxi azzjonijiet mill-Istati Membri u l-partijiet interessati ewlenin, tgħin biex tindirizza l-isfidi komuni u titratta l-inugwaljanzi tas-saħħa.

Il-kuntest ta' referenza għall-Patt hu l-politika ta' acquis tal-UE dwar is-saħħa mentali u l-kwalità tal-ħajja, li ħareġ minn inizjattivi ta' politika Komunitarji matul l-aħħar snin, flimkien mal-impenji li l-Ministri tas-Saħħa tal-Istati Membri għamlu taħt id-Dikjarazzjoni tas-Saħħa Mentali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) fl-2005 u atti internazzjonali rilevanti bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

Il-Patt jiġbor flimkien istituzzjonijiet Ewropej, Stati Membri, partijiet interessati ewlenin minn setturi rilevanti kif ukoll persuni f'riskju ta' esklużjoni minħabba raġunijiet ta' saħħa mentali, u l-komunità ta' riċerka li tappoġġja u tippromwovi s-saħħa mentali u l-kwalità ta' ħajja aħjar. Il-Patt huwa riflessjoni tal-impenn tal-imsieħba msemmija hawn fuq għal bdil, kooperazzjoni u koordinazzjoni ta' sfidi ewlenin fuq medda ta' snin.

Il-Patt għandu jiffaċilita l-monitoraġġ tax-xejriet u l-attivitajiet fl-Istati Membri u fost il-partijiet interessati ewlenin. Huwa bbażat fuq l-aqwa prattika Ewropea, u għandu jgħin biex jittieħdu rakkomandazzjonijiet ta' azzjoni biex isir progress u jiġu indirizzati t-temi ta' prijorità identifikati.

## V - AĦNA GĦALHEKK NISTIEDNU

- L-Istati Membri flimkien ma' partijiet tas-setturi rilevanti, s-soċjetà ċivili fl-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jissieħbu fil-Patt Ewropew għas-Saħħa Mentali u l-Kwalità ta' Ħajja Aħjar biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tiegħu;
- Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, flimkien mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-partijiet interessati ewlenin:
  - biex jistabbilixxu mekkaniżmu għall-bdil ta' informazzjoni;
  - biex jaħdmu flimkien ħalli jidentifikaw prattika tajba u fatturi ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika li tindirizza t-temi ta' prijorità tal-Patt, u li jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni xierqa;
  - biex jikkomunikaw ir-riżultati ta' dan ix-xogħol permezz ta' numbru ta' konferenzi dwar it-temi ta' prijorità tal-Patt matul is-snin li ġejjin;
- Il-Kummissjoni Ewropea se toħroġ proposta għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-Saħħa Mentali u l-Kwalità ta' Ħajja Aħjar matul l-2009;
- Il-Presidenza għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni dwar il-proċeduri u r-riżultati ta' din il-konferenza.

